**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 21 ta' Gunju, 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 733/2016 AF**

**George Saliba**

**vs**

**Maria Elena sive Marlene Saliba**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur George Saliba li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-intimata hija debitrici tieghu fis-somma ta' €23,293.73c oltre l-imghax legali mill-11 ta' Lulju 2016 ta' flus mislufa lilha brevi manu xi snin ilu.

Dawn il-flus gew mislufa mir-rikorrenti biex hija tkun tista' tixtri l-appartament San Salvatore Flats, Flat 12, Triq Alfred Gauci, San Giljan.

Inti dejjem weghedtu quddiem diversi persuni li inti ser thallas dan id-debitu però bqajt inadempjenti u dan minkejja d-diversi promessi.

Dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut.

Ir-rikorrenti jaf lilu nnifsu bil-fatti kif fuq dikjarati.

Huwa jaf ukoll illi l-intimata m'ghandha l-ebda eccezzjoni valida x'taghti stante illi hija ma onoratx l-obbligi taghha ghall-hlas ta' dan id-debitu.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tar-rikorrent nomine bid-dispensa tas-smigh tar-rikors ai termini tal-Artikoli 167/170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna lill-intimata thallas lir-rikorrenti, is-somma ta' €23,293.73c (tlieta u ghoxrin elf mitejn tlieta u disghin Ewro u tlieta u sebghin centezmu) oltre l-imghax legali mill-11 ta' Lulju 2016 ta' flus dovuti mill-intimata lir-rikorrenti ghal self bravi manu maghmul lilha sabiex tkun tista' takkwista l-fond San Salvatore Flats, Flat 13, Triq Alfred Gauci, San Giljan.

3. Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru u l-ittra ufficjali Nru. 92/2016 u bl-ingunzjoni tal-intimata ghas-subizzjoni.

Rat illi l-kawża ġiet appuntata għall-udjenza tas-27 ta' Settembru 2016 fejn peress illi l-Qorti qieset illi l-konvenuta jista' jkollha eċċezzjonijiet xi tressaq, ingħatat għoxrin jum żmien sabiex tippreżenta r-risposta tagħha għar-rikors ġuramentat tal-attur.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta Maria Elena sive Marlene Saliba li permezz tagħha eċċepiet illi:

Fl-ewwel lok, jinghad illi minkejja li hemm qbil li l-esponenti rceviet l-ammont ta' €23,293.73 minghand ir-rikorrent sabiex tixtri l-fond ossia appartament maghruf bl-isem San Salvatore Flats, Flat 13, Triq Alfred Gauci, San Giljan, assolutament ma hemmx qbil li dan l-ammont ta' flus inghata lilha taht titolu ta' self brevi manu minghand l-istess rikorrent. Effettivament l-

istess somma r-rikorrent taha lill-esponenti b'rigal u minghajr ebda kundizzjoni tant illi tul is-snin huwa qatt ma interpellaha biex tirrifondi l-istess.

Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost jinghad illi anke jekk ghal grazzja tal-argument, u ghal grazzja tal-argument biss, it-transazzjoni in kwistjoni kellha titqies bhala "self", id-domanda ghal hlas hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156(e) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan kif ser jigi ppruvat ampjament fil-mori tal-kawza.

F'kull kaz u bla ebda pregudizzju ghal dak sopra-eccepit, l-azzjoni odjerna hija biss frott ta' pika u dan kif ser jigi ampjament ppruvat fil-mori tal-kawza, u ghalhekk ghandha tigi ddikjarata bhala wahda fiergha u vessatorja, bl-ispejjez b'kontra r-rikorrent.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din il-kawża hija dwar allegat self brevi manu. L-attur qiegħed jitlob lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuta tħallsu lura s-somma ta' €23,293.73 liema somma huwa jgħid li silef lill-konvenuta sabiex tixtri appartament ġewwa San Ġiljan.

In linea preliminari, il-konvenuta teċċepixxi l-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2156(e) tal-Kodiċi Ċivili. Fil-mertu, hija teċċepixxi li l-flus li rċeviet mingħand l-attur kienu rigal li ngħataw lilha mingħajr l-ebda kundizzjoni. Teċċepixxi wkoll li l-azzjoni odjerna hija motivata biss mill-pika.

Il-partijiet huma ahwa. Mill-provi prodotti jirriżulta li sa ftit snin ilu kienu jgħixu flimkien fid-dar tal-ġenituri tagħhom,

flimkien ma' ommhom. Fis-sena 2001 l-attur ghadda lil oħtu s-somma ta' Lm10,000, illum €23,293.73, sabiex tkun tista' tixtri appartament ġewwa San Ġiljan. Mhux kontestat illi dawn il-flus għaddew mingħand l-attur għal għand il-konvenuta. Il-partijiet mhumiex jaqblu dwar taħt liema titolu għaddew dawn il-flus. Filwaqt illi l-attur isostni li dan huwa każ ta' self brevi manu, il-konvenuta tinsisti li l-flus kienu rigal.

Qabel tiġi trattata l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, irid jiġi stabbilit jekk il-flus *de quo* kinux mogħtija b'self jew b'donazzjoni.

Fil-każ fl-ismijiet Albert Fiorentino vs Rebecca Attard tad-19 ta' Mejju 2014, il-Qorti tal-Appell Inferjuri qalet hekk:

> "*Kif manifest mill-aggravju u mil-linja difensjonali assunta mill-konvenuta appellanti din tikkampa t-tezi taghha fuq il-fatt tad-donazzjoni tal-oggetti moghtija lilha mill-attur, bl-eccezzjoni ta' mejda. Apparti l-kwestjoni tal-aspett oggettiv tal-materja ossija tal-att materjali, li f'dan il-kaz certament jezisti gjaladarba l-oggetti jinsabu fil-pussess tal-konvenuta, d-donazzjoni tirrikjedi wkoll bhala element essenzjali taghha l-aspett soggettiv, ossija l-prova tal-animu tal-liberalità.*
>
> *Kif ritenut fis-sentenza fl-ismijiet "**Carmela Pace -vs- Rosaria Caruana et**", Prim'Awla, Qorti Civili, 17 ta' Ottubru 1949 (**Kollez Vol XXXIII pII p416** "ghall-effikacja guridika tad-donazzjoni huwa mehtieg (1) li l-oggett mobili moghtija b'rigal ikun tenwi u proporzjonat ghall-kondizzjonijiet ekonomici tad-donanti; (2) li r-rigal ikun akkompanjat mit-tradizzjoni ta' l-oggett donat, u b'mod li dan jghaddi immedjatament u rrevokabilment f'idejn id-donatarju; u (3) li d-donanti jkollu effettivament il-volonta li jiddona u li jizvesti ruhu immedjatament u irrevokabilment mill-oggett li jkun irid jiddona".*
>
> *Il-kwestjoni hawn involuta trid allura tigi ezaminata fl-ambitu ta' dawn l-elementi, in partikolari l-element intenzjonali specifiku ta' l-allegata donazzjoni.*

*Qabel kull konsiderazzjoni tal-fatti processwali tajjeb li jigi sottolinejat illi "min jallega d-donazzjoni ghandu l-obbligu li jipprovaha tant jekk tkun donazzjoni propria kemm jekk tkun donazzjoni rimuneratorja, ossija mproprja, kemm jekk tkun donazzjoni mista. Fi kwalunkwe kaz sabiex ikun hemm dikjarazzjoni gudizzjarja li sehhet id-donazzjoni jrid ikun hemm provi cari ..." (**Kollez Vol XXXII pII p472**)."*

L-ewwel sub inċiż tal-artikolu 1753 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li donazzjoni hija nulla jekk ma ssirx b'att pubbliku. Madanakollu, it-tieni sub inċiż ikompli billi jgħid illi din id-disposizzjoni ma tgħoddx:

*"għal rigali, li jingħataw minn id għal id, ta' flus jew ta' ħwejjeġ mobbl korporali oħra, jew ta' titoli għall-portatur, jekk is-somma jew il-valur tagħhom ikun żgħir, meta jitqiesu l-kondizzjoni tal-persuni u ċirkostanzi oħra."*

Fis-sentenza tagħha tad-19 ta' Novembru 2001 fl-ismijiet Margaret Woodall vs Anthony Rapa il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

*"Hu car li f'sitwazzjonijiet bhal dawn fejn ikun ammess illi l-flus ikunu gew mghoddija taht xi titolu lill-konvenut u fejn ikun hemm kunflitt dwar taht liema titolu jkunu gew hekk trasferiti, multo magis meta l-konflitt ikun dwar jekk it-titolu jkunx wiehed onoruz ossija gratuwitu, kull dubbju fl-interpretazzjoni tal-provi kellu jmur favur min ikun effettivament avanza l-flus. Dana fis-sens illi kellha tigi favorita l-interpretazzjoni li kienet inqas gravuza ghalih."*

L-attur jgħid li l-konvenuta kienet qaltlu li ser tħallsu lura meta tkun tista'. Jgħid li wara xi tlett snin beda jitlobha l-flus imma dejjem kienet twieġbu li ma kienitx nesiet u li meta tkun tista' ser tħallsu lura. Huwa żied jgħid illi dan id-diskors kienet qalitu quddiem ommhom, illum mejta, u li anke ħuthom l-oħra jafu li lill-konvenuta kien sellifha l-flus.

Xehdu ħut il-partijiet. Fil-maġġor parti tagħhom dawn ikkonfermaw li kienu jafu li hemm kwistjoni bejn il-partijiet dwar flus, speċifikament li l-attur kien silef xi flus lill-konvenuta

u li din tal-aħħar dejjem kienet tgħid li ser tħallsu lura. L-aħwa Saliba m'għandhomx relazzjoni tajba ma' oħthom il-konvenuta.

Jidher illi meta l-aħwa kollha marru quddiem in-nutar sabiex issir id-denunzja tal-wirt ta' ommhom f'Awwissu tas-sena 2015, qam argument kbir bejn il-partijiet. Dakinhar issemmew il-flus li l-attur kien għadda lill-konvenuta. Sabiex tniggżu u tinstigah, il-konvenuta ħarġet ċekk li kellha miktub. Il-partijiet ma jaqblux dwar il-kontenut ta' dan iċ-ċekk. Filwaqt illi l-attur jgħid li l-konvenuta kienet qaltu li ċ-ċekk kien għalih imma baqgħet ma ħallsitux, il-konvenuta tinsisti li ċ-ċekk kienet għamlitu sabiex tħallas lin-nutar.

Permezz tal-affidavit tagħha, il-konvenuta tispjega li meta l-partijiet kienu jgħixu flimkien fid-dar tal-ġenituri tagħhom il-kontijiet kienet tħallashom hi u saħansitra daħlet f'diversi spejjeż għaliex ħallset għal kċina ġdida. Tgħid għalhekk illi ma kienitx sorpriża meta l-attur offra li jaghtiha Lm10,000 għaliex apparti li kellhom relazzjoni tajba, ħuha taha x'tifhem illi l-flus ma riedhomx lura. Tkompli billi tispjega li ma' ħutha l-oħra dejjem kien hemm l-inkwiet imma filwaqt illi r-relazzjoni ma ħuha l-attur fil-passat kienet tajba, ir-relazzjoni ta' bejniethom iddeterjorat u kien hemm okkazzjonijiet fejn refa' idu fuqha u fuq ommhom. Minkejja li tgħid illi saru rapporti lill-pulizija dwar dawn l-inċidenti u li kien hemm ukoll proceduri fil-Qorti, ma ressqet l-ebda prova ta' dan kollu u tgħid li baqgħet tgħix fid-dar tal-ġenituri tagħhom sabiex ma tħallix lil ommha waħedha ma' ħuha l-attur. Il-konvenuta ssostni li kien biss dan l-aħħar, meta r-relazzjoni ta' bejniethom bdiet sejra ħażin, li l-attur beda jitlobha tħallsu lura.

L-attur esebixxa kopja ta' *bank statement* ta' kont f'isem il-konvenuta. Huwa jispjega li dan id-dokument sabu d-dar wara li ġiet intavolata l-kawża. Minn dan l-*istatement* jirriżulta li fil-25 ta' Awissu 2015, il-konvenuta kienet marret il-bank u ġibdet €4658.75 fejn iddikjarat illi l-flus ridithom sabiex tħallas lil ħuha l-attur.

Konfrontata b'dan id-dokument, il-konvenuta tipprova tispjega ruħha hekk:

*"Dakinhar għamilt żewġ ċekkijiet il-bank, jiena qed niddubita issa, jekk hux ċekk wieħed jew tnejn għamilt. Dan għamiltu imma mbagħad neħħejtu għax kif mexa miegħi ma kienx ta' nies. Ma kienx jixraqlu li jieħu penny għax kien isawwat lili u lil ommi. Mhux gidba dak li għidt għax George veru tahomli l-flus. Iċ-ċekk għamiltu biż-żball."*

Wara li qieset il-provi kollha prodotti, din il-Qorti ma tistax ħlief tasal għall-konklużjoni li l-flus mogħtija mill-attur lill-konvenuta kienu taħt titolu ta' self. L-ewwelnett, l-ammont mgħoddi mhuwiex wieħed traskurabbli jew moderat, u dan speċjalment meta wieħed iqis li s-self sar fis-sena 2001. Mhijiex biżżejjed sempliċi asserzjoni li l-flus kienu għotja gratwita bejn l-aħwa meta s-somma tkun waħda konsiderevoli. Il-konvenuta ma ressqet l-ebda prova dwar l-istat ekonomiku tal-attur. Ċertament ma jirriżultax illi dawn il-flus kienu biss qatra meta mqabbel mal-ġid tiegħu.

Il-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-każ fl-ismijiet Claire Galea vs Dr Renald Blundell tal-20 ta' Frar 2008 qalet proprju hekk:

*"Meta l-ligi fl-Artikolu 1753 (1) tal-Kodici Civili tesigi ad validitatem li d-donazzjoni ghandha tirrizulta minn att pubbliku dan ma taghmlux b' kapricc izda biex telimina kull dubju u dissidji fuq in-natura guridika tal-ftehim li jkun sar. Huwa veru li skond is-subinciz (2) ta' l-istess artikolu din il-formalita` mhix hekk obbligatorja fil-kaz ta' donazzjonijiet li jinghaddu minn id ghal id, ta' flus jew hwejjeg ohra mobili korporali jew ta' titoli ghall-portatur jekk is-somma jew il-valur taghhom ikun zghir, avut rigward ghall-kondizzjonijiet tal-persuni u cirkustanzi ohrajn. Anke jekk bil-kriterju soggettiv, tenut kont tal-kondizzjonijiet ekonomici tad-"donanti", il-kuncett tal-valur modiku jista' apparentement jitqies li hu sodisfatt, mhux l-istess jista' jinghad, fil-fehma tal-Qorti, illi l-istess koncett jilhaq l-aspettattiva tal-kriterju oggettiv korrelat mas-somma moghtija. L-ammont ta' elfejn lira (Lm2000) mhux wiehed negligibbli u allura kien dejjem mistenni li l-prova li dak l-ammont kien rigal tkun wahda aktar rigoruza minn semplici asserzjoni."*

Il-Qorti żżid tgħid illi l-verżjoni tal-konvenuta tiddgħajjef aktar fid-dawl tal-kontenut tal-*bank statement* esebit mill-attur. Li kieku l-konvenuta verament taħseb li l-flus ingħataw lilha bħala rigal, ma kienitx tiddikjara li qiegħda tiġbed il-flus mill-kont sabiex tħallas lil ħuha. Ma ġiex muri li l-konvenuta riedet tħallas lil ħuha għal xi ħaġa oħra u allura l-konklużjoni ma tistax tkun ħlief li sa dak il-ħin li marret il-bank, kellha l-intenzjoni li tħallsu lura parti mis-somma li kien sellifha. B'żieda ma' dan, il-konvenuta bħal donnha tibdel il-verżjoni tagħha meta in kontroeżami tgħid illi ħuha ma kienx ħaqqu jitħallas minħabba l-mod li mexa magħha u ma' ommhom. Din l-istqarrija tistona mal-eċċezzjoni tagħha li l-flus mhumiex dovuti lill-attur għaliex l-għotja kienet waħda gratwita.

Minkejja li huwa minnu li qabel inqalgħu l-problemi bejn il-partijiet wara l-mewt ta' ommhom, il-kwistjoni ta' dawn il-flus ma tqajmitx formalment, b'daqshekk ma jfissirx fil-fehma tal-Qorti illi dawn il-flus kienu rigal. Minn imkien ma jirrizulta b'mod ċar u inekwivoku illi l-għotja kienet gratwita. Dak li jirriżulta ċar hu li f'mument ta' bżonn, l-attur kien lest li jgħin lill-oħtu, imma b'daqshekk, ma ssarrafx f'donazzjoni.

Stabbilit illi l-flus kienu mgħoddija lill-konvenuta bħala self, imiss issa li tiġi kkunsidrata l-eċċezzjoni tagħha tal-preskrizzjoni a bażi tal-artikolu 2156(e) tal-Kodiċi Ċivili li jgħid li azzjoni għal ħlas lura ta' self li ma jirrizultax minn kuntratt pubbliku hi preskritta b'għeluq ħames snin.

Ma ġiex miftiehem żmien meta għandhom jintraddu lura l-flus u lanqas ġie miftiehem imgħax u allura skont l-artikolu 1078(a) tal-Kodiċi Ċivili, il-flus kellhom jintraddu lura fiż-żmien sentejn. Il-konvenuta tgħid illi l-flus ġew mgħoddija fis-sena 2001. Jirriżulta għalhekk illi l-flus kellhom jintraddu sas-sena 2003. Mhux kontestat illi bejn 2003 u 2016 ma saret l-ebda sejħa ġudizzjarja għall-ħlas da parti tal-attur.

Fis-sottomissjonijiet tiegħu l-attur jargumenta li l-preskrizzjoni ġiet interotta bir-rikonoxximent tad-debitu da parti tal-konvenuta. Huwa qiegħed jirreferi għall-*bank statement* esebit minnu minn fejn jirriżulta li l-konvenuta ddikjarat illi kienet ser tgħaddi l-flus lill-attur, għax-xhieda ta' ħutu li qalu li l-

konvenuta kienet tistqarr magħhom perjodikament li hija taf li għandha tħallsu, kif ukoll għal dak li qalet il-konvenuta stess fil-presenza ta' ħutha kollha u tan-nutar dakinhar tad-denunzja tal-wirt t'ommhom.

L-artikolu 2133 tal-Kodiċi Ċivili jaqra hekk:

*"Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jagħraf il-jedd tal-parti li kontra tagħha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja."*

L-artikolu 2136 imbagħad jiddisponi hekk:

*"(1) Meta l-preskrizzjoni tiġi miksura, iż-żmien li jkun għadda qabel ma jgħoddx għalbiex wieħed jippreskrivi.*

*(2) Iżda, il-preskrizzjoni tista' tibda miexja mill-ġdid."*

Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet Paolo Calleja vs Luigi Vella tal- 15 ta' Ġunju 1964:

*"Meta tigi eccepita l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali imiss lill-konvenut li jipprova li l-hames snin kienu ghalqu. Jekk dan gie pruvat, kien imiss imbaghad lill-attur li jipprova illi l-kors tal-preskrizzjoni kien gie validament interott."*

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Mejju 1952 fil-kawża fl-ismijiet Carmelo Micallef vs Brigadier John Belle Mc Canee noe intqal hekk:

*"Illi r-rikonjizzjoni interruttiva ghar-rinunzja ghall-preskrizzjoni kompita tista' tkun diretta u espressa, b'dikjarazzjoni formali tal-volonta` li jigi rikonoxxut id-dritt; tista' tkun diretta u tacita, b'fatti li fihom infushom immedjatament juru dik il-volonta`; u tista' tkun indiretta jew prezunta, dedotta minn fatti konkludenti inkompatibili mal-volonta` tal-preskriventi li jikkontesta l-ezistenza u l-ezercizzju tad-dritt. Ir-rinunzja tacita hi kwistjoni tal-volonta` prezunta tad-debitur, u kwindi ma hemmx*

*rinunzja jekk hu jesprimi ruhu b'mod li jimmanifesta pjuttost l-intenzjoni li ma jirrikonoxxix id-dritt."*

Il-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-każ fl-ismijiet Austin Psaila vs Slabick Lother tad-9 ta' Frar 2005 qalet hekk:

*"Issa r-rikonoxximent stabbilit mill-precitat Artikolu 2133 jestrinsika ruhu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni ta' l-ezistenza tad-dritt. Ad exemplum, il-weghda tal-hlas, talba ghad-dilazzjoni tal-pagament, il-hlas akkont (Artikolu 2134), l-annotazzjoni tad-debitu f'denunzja tas-successjoni jew f' forma ta' entrata fl-accounts;*

*Jinsab precizat ukoll, kemm fi-duttrina legali, kif ukoll fil-gurisprudenza, illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt ghal fini ta' l-interuzzjoni tal-preskrizzjoni hu konfigurabbli fir-rekwiziti tal-volontarjeta`, tal-konsapevolezza, ta' l-inekwivocita`, dejjem b' mod esterjorizzat. Rekwiziti dawn li hu necessarju li jikkoezistu flimkien fl-istess att;*

*Jibqa' dejjem imperattiv illi l-prova dwar dawn l-istess rekwiziti trid issir mill-attur billi huwa dan li jkun qed jikkontrasta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kontroparti. Zgur li mhux mistenni li din il-prova ssir mill-Qorti jew mit-Tribunal li, anzi, ghandu l-kompitu li jiddeciedi "iuxta allegata et probata". Tajjeb li hawn jigi mfakkar illi, kif drabi ohra deciz, "jekk dwar din l-interruzzjoni hemm konflitt ta' provi, allura l-konsegwenza m' hijiex li ghandha tigi michuda l-preskrizzjoni, imma dik kuntrarja, li ghandha tigi akkolta, peress li l-posizzjoni guridika tkun li mentri jkun fatt li ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, jkun ugwalment fatt illi l-attur ma ssodisfax lill-Qorti li kien hemm interruzzjoni." (**Kollez. Vol. XXX P I p 989**). Ghaldaqstant dak li hu mportanti hu li r-rikonoxximent allegat mill-attur ikun car u esplicitu (**Kollez. Vol. XXXVIII P III p 723**)."*

Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża li għandha quddiemha llum, din il-Qorti ssib illi l-konvenuta rrikonoxxiet id-dritt tal-attur meta ddikjarat illi kienet qiegħda tiġbed il-flus mill-kont

sabiex tħallsu, b'dan illi ġiet interrotta l-preskrizzjoni. In kwantu li dan id-dokument huwa datat 25 ta' Awissu 2015, u l-kawża tal-lum ġiet intavolata fil-25 ta' Awwissu 2016, isegwi li ma reġax għadda ż-żmien meħtieġ għat-terminu tal-preskrizzjoni.

Permezz tat-tielet u l-aħħar eċċezzjoni tagħha, il-konvenuta tgħid illi din il-kawża hija frott il-pika u għalhekk għandha tiġi dikjarata bħala waħda fiergħa u vessatorja. Tenut kont ta' dak kollu li diġa ntqal f'din id-deċiżjoni, il-Qorti ma taqbilx. A skans ta' repetizzjoni, il-Qorti ser ittenni biss illi l-fatt l-attur intavola dawn il-proċeduri wara ħafna snin, u ċioè wara li kellhom xi jgħidu l-partijiet, ma jfissirx illi l-kawża hija fiergħa u vessatorja.

Sorvolati l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, din il-Qorti ssib li ma hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' t-talbiet attriċi kif dedotti.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-każ billi filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenuta kif ukoll l-eċċezzjonijiet tagħha fil-mertu, tilqa' talbiet tal-attur bl-imgħax kif mitlub.

Spejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenuta.

IMHALLEF

DEP/REG